# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 19 ta' Gunju, 2001.**

**Numru 27**

**Citaz. numru 239/98 NA**

**Waste Control Services Limited**

**vs**

**Kunsill Lokali tal-Mosta**

**Il-Qorti;**

**PRELIMINARI : IC-CITAZZJONI TAS-SOCJETA' ATTRICI**

1. B'citazzjoni pprezentata fit-3 ta' Frar 1998, is-socjeta' attrici appellata, wara li ppremettiet illi d-ditta attrici dahlet f'kuntratt mal-Kunsill Lokali Mosta biex tipprovdi fil-lokal servizz ta' skips, billi tikri skips u tiehu hsieb it-tindif regolari taghhom ; illi ghal dan is-servizz id-ditta attrici kienet tohrog invoices regolari, izda sakemm gie mitmum il-kuntratt id-ditta attrici fadlilha x'tiehu s-somma ta' Lm1494.80 ; li l-Kunsill konvenut naqas li jhallas is-somma dovuta ; Talbet li l-Qorti

tikkundanna lill-Kunsill Lokali tal-Mosta jhallas lid-ditta attrici s-somma ta' Lm1494.80 (elf, erba' mija u disghin liri Maltin u tmenin centezmu) dovuti bhala bilanc ghas-servizz ta' skips provdut fil-lokal tal-Mosta fuq inkarigu tal-istess Kunsill ; Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-4 ta' Awissu 1997, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut illi huma ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUT</u>**

2. Il-Kunsill Lokali Mosta, permezz tar-rappresentanti legali taghha (skond l-Att dwar il-Kunsill Lokali), eccepiet illi, preliminarjament, il-Kunsill Lokali tal-Mosta ma giex citat skond ir-rappresentanza legali stabbilita mill-Att dwar il-Kunsill Lokali u b'hekk l-istess Kunsill ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju, u fi kwalunkwe kaz, eventwali sentenza ma tkunx esegwibbli ; fil-meritu, u bla pregudizzju ghas-suespost, il-bilanc li ma thallasx huwa biss ta' seba' mija u tlettax-il lira u sittin centezmu (Lm713.60) ; u fi kwalunkwe kaz, is-socjeta' attrici ma rrendietx is-servizzi li obbligat ruhha li tirrendi u b'hekk inkorriet il-penalitajiet imposti bil-klawsola 13 tal-ftehim relattiv li jikkonferma l-kondizzjonijiet esponenti. Salv eccezzjonijiet ohra.

Dina n-nota ta' eccezzjonijiet iddahlet "fuori termine", bla ebda awtorizazzjoni, u bla talba ghal fini ta' gustifikazzjoni tal-kontumacja.

**<u>IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI</u>**

3. Illi fis-17 ta' Marzu 1999, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, a bazi tal-apparenti kontumacja tal-"Kunsil Lokali tal-Mosta" iddecidiet il-kawza kontra l-istess Kunsill skond <u>it-talba tas-socjeta' attrici</u>.

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUT</u>**

4. Il-konvenut appella fuq l-aggravju li n-nota tieghu la giet inserita fil-process u la giet migjuba a konjizzjoni ta' l-Imhallef sedenti u lanqas tar-Registratur tieghu.

Illi din in-nota kienet, preliminarjament, teccepixxi illi l-Kunsill ma giex citat skond ir-rappresentanza legali stabbilita mill-Att dwar il-Kunsilli Lokali.

Illi din l-eccezzjoni tattakka direttament il-validita' tac-citazzjoni kif intavolata a rigward ir-rappresentanza tal-Kunsill Lokali Mosta u anki l-validita' tan-notifika ta' l-istess citazzjoni u l-mozzjoni ta' l-appuntament. Illi b'hekk l-appellanti gew serjament pregudikati minhabba illi n-nota ta' eccezzjonijiet ma gietx inserita fl-atti tal-kawza u b'hekk l-eccezzjonijiet ma setghux jigu kkunsidrati. In-nota kellha tigi gjudikata. Dan ifisser illi

l-appellanti gew michuda mid-dritt naturali taghhom ghal smiegh xieraq, minbarra l-iskorrettezza procedurali.

Ghalhekk, l-appellanti talab illi din il-Qorti joghgobha tannulla u tirrevoka s-sentenza ta' l-ewwel Qorti u tirrimada l-atti tal-kawza quddiem l-istess Qorti ghat-trattazzjoni u tkomplija tas-smiegh. Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta' attrici appellata.

**IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA' ATTRICI**

5. Is-socjeta' attrici appellata wiegbet hekk :-

(i) Illi s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma. Il-punt kardinali f'din il-kawza huwa li l-Kunsill konvenut gie notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh ghas-seduta tas-17 ta' Marzu 1999, fil-21 ta' Novembru 1998. Minn dakinhar, il-Kunsill kellu 20 gurnata biex jippresenta n-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu. La darba naqas li jaghmel dan, il-Kunsill ghandu jitqies kontumaci ghal kull fini u effetti tal-ligi, u dan sakemm, wara li ssir talba ghal daqshekk, ma jirnexxielux jiggustifika l-kontumacia tieghu.

(ii) Il-Kunsill konvenut, wara li waqa' kontumacia, ma ppruvax jiggustifika l-kontumacia tieghu u lanqas deher ghas-seduta quddiem il-Qorti u, ghalhekk, l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex triq ohra hlief li tghaddi ghas-sentenza. Il-Kunsill konvenut ma kellu ebda dritt

jippresenta Nota tal-Eccezzjonijiet lejliet is-seduta, ghax id-dritt li kellu biex jippresenta tali Nota skada 20 jum wara il-21 ta' Novembru 1998. Meta ghadda dak it-terminu, l-Kunsill konvenut kellu jitlob il-permess tal-Qorti biex jippresenta n-Nota tal-Eccezzjonijiet tieghu ; dan il-permess ma ntalabx u, kwindi, l-ewwel Onorabbli Qorti kellha tiskarta n-Nota tal-Eccezzjonijiet presentata u tiddeciedi l-kawza skond il-ligi u fuq il-fatti li kellha quddiemha.

(iii) Il-Kunsill konvenut kien ikollu ragun jilmenta kieku talab li jiggustifika l-kontumacia tieghu u t-talba tkun giet injorata mill-ewwel Onorabbli Qorti ; dan, pero', ma ghamlux, u fil-fatt, lanqas fir-rikors tal-appell ma ressaq raguni ghall-kontumacia tieghu, u lanqas it-talba n nnifisha tas-socjeta' attrici ma hi qed tigi kontesata, izda l-ilment hu biss li l-Qorti injorat in-Nota tal-Eccezzjonijiet presentata. La darba, pero', din giet presentata bla jedd u bla awtorizazzjoni ( ghax fuori termine), l-ewwel Onorabbli Qorti kellha bilfors tinjorha u tiddeciedi fuq il-meritu kif ghamlet.

(iv) Inoltre, l-kwistjoni dwar ir-rappresentanza tal-Kunsill konvenut hija rrilevanti u dan peress li, ghalkemm il-ligi taghti r-rappresentanza legali ta' Kunsill f'idejn is-Sindku u s-Segretarju tal-istess, il-Kunsill huwa entita' morali indipendenti u kwindi, skond il-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, mhux mehtieg li jigi mharrek bl-isem il-persuna li ghandu r-rappresentanza tal-istess entita'. Kumpanija

kummercjali ghandha wkoll ir-rappresentanza legali taghha stabbilita bil-ligi jew bl-att kostituttiv taghha, izda l-kumpanija tista' tigi mharrka f'isimha minghajr htiega li jissemmew b'isimhom il-persuni li ghandhom ir-rappresentanza legali taghha. L-istess ghandu jghodd ghall-Kunsill Lokali.

Ghaldaqstant, is-socjeta' appellata sostniet illi l-appell tal-konvenuti ghandu jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-Kunsill appellanti.

**IS-SENTENZA TA' DIN IL-QORTI**

6. L-ewwel aggravju tal-konvenut appellant jirreferi ghall-fatt li minkejja li huwa pprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet, din "la giet migjuba a konjizzjoni ta' l-Imhallef sedenti u lanqas tar-Registratur tieghu".

Illi dwar dana l-aggravju huwa minnu li mill-atti tal-kawza jirrizulta li bhala fatt il-konvenut tassew kien ipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet li minkejja dan, l-ewwel Qorti ghal xi raguni ppermettiet fis-sentenza appellata, li l-appellant "naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci". Huwa ovvju li tali premessa kienet in parte skorretta. Dan ghaliex f'kull kaz jibqa' jissussisti l-fatt l-iehor, aktar importanti minn punto di vista ta' dritt, li l-konvenut tabilhaqq kien kontumaci. L-atti tal-kawza juru li minkejja li l-konvenut kien gie

debitament notifikat bl-att tac-citazzjoni fl-4 ta' Settembru 1998, huwa pprezenta fir-Registru nota ta' eccezzjonijiet fis-16 ta' Marzu 1999, jigifieri jum biss qabel l-ewwel appuntament tal-kawza ghas-smiegh. Kwindi m'hemm assolutament l-ebda dubbju li l-konvenut kien kontumaci billi naqas li jipprezenta n-nota msemmija jum wara t-terminu preskritt mil-ligi ta' 20 jum. Illi ghalhekk in kwantu s-sentenza appellata kienet ibbazata fuq il-kontumacja tal-konvenut, l-ewwel Qorti kienet korretta u l-ewwel Qorti tidher li imxiet konformement ma' dan l-istat guridiku. Li kieku l-konvenut appellant, minflok qabad u pprezenta nota ta' eccezzjonijiet b'mod irritwali ghaliex kien totalment "fuori termine" u ma kienx awtorizzat jimxi diversament, intavola talba biex jiggustifika l-kontumacja tieghu jew ta' lanqas ottjena "visto" mill-kontroparti, allura f'dak il-kaz l-ewwel Qorti kienet tkun obbligata li ma tissorvolax tali operat, imma l-konvenut appellant minn dan kollu m'ghamel proprju xejn. Kwindi l-pretensjoni tieghu li "n-nota (ta' l-eccezzjonijiet) kellha tigi gudikata" ma hijiex gustifikata fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

7. Illi trattandosi ta' sentenza ottenuta in kontumacja, xorta wahda huwa lecitu li jigi interpost appell minn dik is-sentenza quddiem din il-Qorti billi hu maghruf li kontumacja tfisser li hemm kontestazzjoni tat-talba jew talbiet ta' l-attur. Illi ghalhekk din il-Qorti sejra f'kull kaz tinvesti wkoll l-aggravju l-iehor tal-appellant li billi l-Kunsill Lokali de quo "ma giex citat skond ir-rappresentanza legali stabbilita mill-att dwar il-Kunsilli Lokali", dan allura kien ifisser li c-citazzjoni kif dedotta ma saritx

validament u l-isem jinghad kemm ghan-notifika tac-citazzjoni, kif ukoll ghall-mozzjoni ta' l-appuntament.

8. Illi, skond din il-Qorti, ghalkemm il-ligi relativa taghti r-rappresentanza legali ta' Kunsill Lokali f'idejn persuni partikolari, dana ma jfissirx li l-Kunsill, bhala entita' jew korp morali, legali, u awtonomu, ma jistax jigi citat f'kawza f'ismu, u minghajr il-htiega jigifieri li jigu citati wkoll l-ismijiet tas-sindku u tas-segretarju tieghu. Ovvjament, jekk imbaghad ser jagixxi xi hadd f'isem il-Kunsill Lokali, dan ix xi hadd ma jistax ikun il-gebel jew il-bini li fih hemm is-sede tal-Kunsill, imma jkun allura jispetta proprju lir-rappresentanti legali nominati ghal daqstant mil-ligi stess biex jidhru ghall-Kunsill Lokali.

9. Illi mill-bqija, fil-meritu, m'hemm xejn aktar x'jizdied ma kif deciz mill-ewwel Qorti. Il-konvenut la deher jew ressaq provi kontrarji dakinhar u lanqas biss resaq biex jitratta dan l-appell.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fis-17 ta' Marzu 1999, tichad l-appell tal-konvenuti appellanti, bl-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi kontra tieghu.

Dep/Reg

mg